**L-Ewwel laqgha tas-Sotto Kumitat Ġemellaġġi u relazzjonijiet u kuntatti barra minn Malta**

**Nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012 fis-7:30 p.m**

**Preżenti:**

Maria Natoli, Chairperson
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Dr. Edric Micallef
Peter Paul Buttigieg
Ines Buttigieg
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Charles Said, Sindku
Mary Gurr
Peter Mifsud
Lina Mifsud
Rosalie Said

Skuzat – Edward Said

---

**1.** Il-laqgħa bdiet bit-talba u tmexxiet mic-Chairperson, il-Kunsilliera Maria Natoli.

**2.** **Introduzzjoni.** Ic-Chairperson rringrazzjat lil dawk preżenti talli aċċettaw l-istedina tal-Kunsill. Il-membri tas-sotto kumitat ġew informati dwar il-ġemellaġġi ma' Cicciano u Baveno li għandu l-Kunsill kif ukoll dwar is-shubija tal-Kunsill fic-Charter of European Rural Communities. F'dan in-Nadur jirraprezenta lil Malta u Għawdex. Il-Kunsill għandu wkoll ftehim ta' ħbiberija ma Bucine fl-Italja u Cisse fi Franza. Maria Natoli qalet ukoll li l-ġemellaġġ ma Cicciano dan l-aħħar reġa ħa ftit spinta l'quddiem permezz tal-attivita li saret flimkien magħhom f'Dicembru (Europe for Citizen's Programme) izda l-ġemellaġġ ma Baveno jinsab kwiet. Dawn tal-ahhar kellhom jieħdu sehem fil-programm ta' Dicembru izda ħassru l-parteċipazzjoni tagħhom.

**3.** **Charter of European Rural Communities.** In-Nadur jirraprezzenta lil Malta fic-Charter of European Rural Communites. Jsiru diversi laqgħat f'pajjizi differenti li l-Kunsill huwa obbligat li jibghat delegazzjoni biex jiparteccipaw fijhom. Il-laqgħa li jmiss ser issir fil-Latvia bejn l-4 ta' Lulju u t-8 ta' Lulju u il Kunsill huma mistenni li jkun rapprezentat bi għaxar persuni, 6 adulti u 4 zgħazagħ. Peter Paul Buttigieg ilmenta li l-Kunsill huwa tard f'din l-applikazzjoni għaliex ir-risposti kellhom jaslu sa l-1 ta' Mejju. Dan ġara peress li kien hemm elezzjoni tal-Kunsill f' Marzu. Barra minn hekk is-Segretarja tal-Kunsill qalet li l-Kunsill kienet ghadha ma waslet l-ebda stedina

ufficcjali minn naha tac-Charter Peter Buttigieg qal li dan huwa nuqqas minn naha tal-Kunsill. Il-Kunsilliera għandhom jiġu offruti huma l-ewwel postijiet biex jattendu il-laqgha ta' Lulju w l-postijiet l-ohra jimtlew mill-membri tas-sotto kumitati u helpers tal-Kunsill. Minn dan is-sotto kumitat dawn il-persuni huma interressati li jattendu: Mary Gurr, Liina Mifsud, Peter Mifsud, Ines Buttigieg u Peter Paul Buttigiet. Għandu jattendi s-Sindku sabiex ikun prezenti għall-laqgħa tas-Sindki. F'kaz li ma jkunx jista jattendi minhabba impenji ohra is-Sindku ghandu jaghti d-deloga lis-Segratarju Ezekuttiv jew lill xi kunsullier li jkun ha jattendi.

**4.** **Programmi Kulturali.** Ġiet diskussa il-possibilta' li jkun hemm programmi kulturali mal-pajjizi ġemmellati magħna b'fondi mill Unjoni Ewropej. Peter Mifsud issuġġerixxa li qabel ma jsiru dawn it-tip ta' exchanges għandu jkun hemm attivitajiet bil-parteċipazzjoni tar-residenti lokali sabiex dawn issiru aktar attivi fil-Kunsill. Wara dawn l-istess nies ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-exchanges mal-pajjizi barranin. Eucharist Camilleri qal li ser issir training camp tal-football ma Bucine.

**5.** **Attivitajiet.** Ġie suggerit li fl fl-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill issir kompetizzjoni fost l-istudenti tal-iskola Primarja. Din tkun tikonsisti f' kitba ta' komponiment dwar il-postijiet gemmellati man-Nadur u dan sabiex l-istess tfal isiru aktar midhla ta' dawn il-postijiet. . Ġiet diskussa il-possibilita li ssir mawra għal Cicciano jew Baveno mir-residenti tan-Nadur. Maria Natoli għandha tagħmel kuntatt ma dawn iz-zewġ pajjizi u wara tigi diskussa din il-possibilta f'aktar dettal

Il-laqgħa spiċċat fit-8:45 p.m.

**Maria Natoli, Chairperson** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**